

31977R1516

L 169/12

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

7.7.1977

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1516/77****tas-6 ta' Lulju 1977****li jemenda Regolament (KEE) Nru 776/73 dwar reġistrazzjoni ta' kuntratti u informazzjoni li għandha tiġi mgħarrfa fil-każ tal-ħops**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1696/71 tas-26 ta' Lulju 1971 fuq l-organizzazzjoni komuni fis-suq tal-ħops<sup>(1)</sup>, kif emendat l-aħħar minn Regolament (KEE) Nru 1170/77<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 12(8) u 18 tiegħu,

Billi l-Artikolu 12(3) tiegħu jstabilixxi li, fir-reġjuni tal-Komunità fejn gruppi ta' produttori rikonoxxuti jiżguraw li l-membri tagħhom dħul ġust u jgħassmu s-suq b'mod razzjonali, l-għajjnuna tingħata biss lil dawn il-gruppi;

Billi r-Regolament imsemmi jstabilixxi li l-Kunsill, fuq proposta mressqa mill-Kummissjoni bbażata fuq it-tagħrif mogħti mill-Istati Membri, trid taddotta lista ta' dawk ir-reġjuni; billi jrid ikun hemm għalhekk disposizzjoni biex l-Istati Membri jgħarrfu lill-Kummissjoni bir-reġjuni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq;

Billi, sabiex il-Kunsill ikun jista' jakkwista lista ta' dawn ir-reġjuni għal kull ħsad qabel ma tibda il-kultivazzjoni, jeħtieġ li t-tagħrif mill-Istati Membri jasal għand il-Kummissjoni fiż-żmien;

Billi l-Kummissjoni trid tkun f'qagħda li taġġorna qabel kull ħsad l-ammont ta' varjetajiet ta' ħops mkabbra fil-Komunità fil-gruppi ta' varjetajiet imsemmija fl-Artikolu 12(5) tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71;

Billi l-Artikolu 12(5) msemmi jagħti lok li jkun ikkalkulat, meta jsir kalkolu ta' l-għajjnuna, id-dħul fil-livell tal-gruppi ta' produttori rikonoxxuti; billi l-Istati Membri jridu għalhekk jagħtu tagħrif dwar l-informazzjoni li tidistingwi bejn gruppi u produttori individwali;

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Lulju 1977.

Billi trid issir żieda għal dan il-għan mar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 776/73 ta' l-20 ta' Marzu 1973 fuq ir-reġistrazzjoni ta' kuntratti u tagħrif ta' informazzjoni marbuta mal-ħops<sup>(3)</sup>, kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KEE) Nru 209/77<sup>(4)</sup>;

Billi l-miżuri li jaħseb għalihom dan ir-Regolament jaqblu mal-fehma tal-Kumitat tat-Tmexxija għall-Hops.

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 3a li jmiss huwa hawnhekk miżjud mar-Regolament (KEE) Nru 776/73:

*“Artikolu 3a*

Kull Stat Membru jrid jagħti tagħrif kull sena:

- (a) qabel l-1 ta' Frar tas-sena tal-ħsad li għaliha tista' tingħata għajjnuna tal-produzzjoni, il-lista tar-reġjuni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 12(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71;
- (b) qabel il-31 ta' Marzu tas-sena tal-ħsad li għaliha tista' tingħata l-għajjnuna tal-produzzjoni, il-varjetajiet ta' ħops imkabbra fuq iż-żona reġistrata msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71 għall-ħsad ta' qabel, u l-kontenut tagħhom alpha-aktu.”

*Artikolu 2*

Hawn miżjud hawnhekk ma' l-ewwel sotfoparagrafu ta' l-Artikolu 4(1) u ma' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 776/73 il-kliem li ġej:

“u tidistingwi bejn gruppi ta' produttori rikonoxxuti u produttori individwali.”

Għall-Kummissjoni

Finn GUNDELACH

Viċi-President

<sup>(1)</sup> ĠU L 175, ta' l-4.8.1971, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 137, tat-3.6.1977, p. 7.

<sup>(3)</sup> ĠU L 74, tat-22.3.1973, p. 14.

<sup>(4)</sup> ĠU L 28, ta' l-1.2.1977, p. 35.